

# 125 sena ilu

**Fr Reno Muscat**

Is-sena 1893 hija s-sena li fiha twaqqfet il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi. Forsi nimmaġinaw li 125 sena ilu l-ħajja f'Malta kienet bħalma hija llum, iżda niżbaljaw jekk naħsbu hekk. Biex nifhmu xi ftit il-qagħda ta' pajjiżna f'dawk iż-żminijiet nistgħu nduru fuq kitba li saret propju fl-istess sena li twaqqfet il-banda tagħna.




Il-ktieb li qed insemmi huwa The Story of Malta tal-kittieb Amerikan Maturin Murray Ballou. Dan il-kittieb twieled fl-1820 u ppubblika għadd kbir ta' kotba kemm dwar il-vjaġġi li għamel matul ħajtu kif ukoll stejjer u drammi. Huwa miet sentejn wara li ħareġ il-ktieb dwar Malta. Fil-fatt dan kien it-tielet l-aħħar ktieb tiegħu; mimli b'riflessjonijiet dwar Malta kif ukoll gwida tal-post.

Ballou jgħidilna li biex wieħed jasal Malta kellu jew jaqbad il-vapur minn Marsilja, li kien jitlaq minn dak il-port kull ħmistax jew inkella kien jista' jasal sa Napli u jimbarka minn hemm. Kien hemm rotot oħra biex wieħed jasal f'pajjiżna imma l-imsemmija kienu l-aktar komdi. Hu jgħidilna li dawk li jinżlu Malta,x' aktarx li kienu jagħmlu dan għal ftit ħin biex imbagħad ikomplu l-vjaġġ tagħhom lejn id-destinazzjoni tagħhom, iżda jżid, li min ried jibqa' Malta, kien hawn x'tara. Isemmi l-Ħaġar Qim u l-Imnajdra, il-Buskett u San Anton. Għal min ried jikri kamra f'Malta jsemmi l-Hotel Angleterre li kienet tinsab ġewwa Strada Stretta fil-Belt Valletta.

Il-vapur kien jorbot max-xatt tal-Belt u l-kittieb isemmi li f'xatt wieħed kien jiltaqa' ma' bosta tallaba. L-irġiel ħafjin lebsin qmis u sidrija, b'qalziet imxammar 'il fuq mill-għaksa u miżmum b' terħa madwar il-qadd. In-nisa, ħafjin ukoll, aktarx libsin

ilbies iswed, mgħottija b'għonnella li lanqas tħallik tagħraf waħda minn oħra. Dan kien il-poplu tal-klassi baxxa, klassi li kienet titkellem bil-Malti, ilsien li skont Ballou huwa taħlita ta' Għarbi u Taljan. Iżda fejn jidħlu l-Maltin ta' klassi għolja, in-nobbli u n-negozjanti, f'dan il-ktieb insibu li dawn kienu differenti. Ilbieshom kien aktar ixaqleb lejn dak Ewropew u n-nisa, meta kienu jmorru t-teatru kienu jkunu lebsin id-deheb u l-ħaġar prezzjuż. Dawk ta' klassi għolja, fil-parti l-kbira tagħhom kienu jitkellmu bit-Taljan filwaqt li n-negozjanti kienu jitkellmu bl-Ingliż u xi wħud anke bil-Franċiż.



Il-kittieb Amerikan isemmi wkoll lill-kleru. Huwa jgħid li f'Malta kien hawn madwar elfejn saċerdot. Is-saċerdoti kienu jilbsu s-suttana sewda bil-kappell iswed kbir fuq rashom. Huwa jinnota li l-maġġoranza tal-membri tal-kleru kienu mżaqqin mhux ħażin u dan kien jagħmel kuntrast bejnhom u t-tallaba tal-port. L-awtur jinħass xi ftit jew wisq antiklerikali, forsi xi ħaġa mhux tas-soltu għal Malta tal-1893, biss dan il-ktieb żgur ma kienx għall-poplu komuni Malti u għalhekk seta' jikteb li jrid.

Jagħtina stampa ċara tal-Belt Valletta u ta' Strada Rjali. Huwa jibqa' impressjonat bl-ambjent tal-Belt, fejn jgħid li l-bosta koppli u kampnari, minkejja li m'humiex minaretti, jagħtu lill-Belt Valletta dik il-bixra orjentali. Ballou kien midħla tal-ambjent orjtentali għax kien jivjaġġa ħafna. Dwar Strada Rjali huwa jagħtina stampa sabiħa ta' din it-triq prinċipali tal-belt kapitali tagħna. Huwa jsemmi l-bosta uniformijiet militari jew navali li wieħed jiltaqa' magħhom f'din it-triq. Hawnhekk l-awtur jgħid li jiltaqgħu l-bosta kulturi, kemm dik tal-Afrika ta' Fuq kif ukoll dik Ewropea. Il-kuluri fl-ilbies jagħmlu lil din it-triq aktar ħajja minn kull parti oħra tal-gżira. F'din it-triq wieħed jara 'L-Ingliżi jippassiġġaw bl-ilbies għani tagħhom, is-sinjur bil-kappell fuq rasu u bil-bastun taħt abtu u s-sinjura bil-libsa kollha frilli u bizzilla sal-għekiesi, bl-umbrella ċkejkna biex tilqa' mir-raġġi qalila tax-xemx, xi Grieg għaddej liebes l-ilbies tiegħu, u fuq kollox il-Malti, ħafi, wiċċu maħruq bix-xemx, xhieda tal-ħidma bieżla tiegħu. Hawnhekk huwa l-post fejn jiltaqa' kulħadd, l-għani u l-fqir, il-Malti u l-barrani, dak li liebes iż-żarbun u l-ħafi. Hawnhekk wieħed jista' jara l-ħajja tassew ta' Malta.



F'dan l-ambjent twieled il-Każin tal-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi – żmien differenti għal kollox minn dak tal-lum.